**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001646/2019**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 130 tar-Regoli ta’ Proċedura
**David Casa (PPE)**

Suġġett: Każijiet ta' ksur relatati mas-settur tal-logħob tal-azzard online

Lejn l-aħħar tal-2017, il-Kummissjoni waqqgħet il-każijiet ta' ksur kollha relatati mas-settur tal-logħob tal-azzard online. Din id-deċiżjoni jista' jkun li qed tħalli effett negattiv fuq il-ġlieda kontra s-servizzi tal-logħob tal-azzard mhux tal-UE u mhux regolati, peress li tinkoraġġixxi aktar frammentazzjoni tal-politiki tal-logħob tal-azzard li diġà huma differenti ħafna u li diġà jeżistu fl-Istati Membri.

Bit-twaqqigħ tal-każijiet ta' ksur kollha, il-Kummissjoni setgħet żiedet il-probabbiltà li l-Istati Membri jiżviluppaw politiki dwar il-logħob tal-azzard li jkunu inkonsistenti mal-prinċipju fundamentali tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ġentilment mitluba twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

Għaliex iddeċidiet li twaqqa' l-każijiet ta' ksur kollha relatati mas-settur tal-logħob tal-azzard online?

Id-deċiżjoni tagħha li ma tinfurzax id-dritt tal-UE fis-settur tal-logħob tal-azzard kif se tgħin lill-konsumaturi tal-UE?

Id-deċiżjoni tagħha li żżarma l-Grupp ta' Esperti dwar is-Servizzi tal-Logħob tal-Azzard kif se tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali tal-logħob tal-azzard biex jikkoordinaw u jinfurżaw il-leġiżlazzjoni tal-logħob tal-azzard aħjar?